ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

25 JUN 2021

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 544**

**Il-Ħamis 10 ta' Ġunju, 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI**

Joseph Buttigieg - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**544.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

544.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**544.2 Skema 2021-2022 Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità 'Steward' Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**

544.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa Skema 2021-2022 Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità 'Steward' Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali minħabba li l-evalwazzjoni ta' din l-iskema kienet ser tkun fuq bażi li min ser japplika l-ewwel kien ser jingħata prijorità. Is-Sindku żied jgħid li permezz ta' din l-inizzjattiva, il-Gvern Ċentrali kien se jkompli jttejjeb it-Trattament Xieraq tal-Annimali li jinsabu jgħixu fit-toroq u dawk l-annimali domestiċi, billi se jkun qed jiffinanzja għaxar Uffiċjali tal-Komunità. Is-Sindku spjega li permezz ta' din l-iskema, il-Kunsill seta' japplika sabiex jingaġġa uffiċjal għall-perjodu ta' 18-il xahar biex jaħdem fil-lokalità u x-xogħol tiegħu kien ser ikun relatat mat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

544.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu jżomm notamenti dwar l-attendenza, il-*leave* u *sick leave* kif ukoll jirreġistra l-informazzjoni kollha tax-xogħol li l-*isteward* ikun għamel fil-lokalità.

544.2.3 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet min kien ser iħallas il-paga tal-uffiċjal. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li l-ħlas mhux ser isir mill-Kunsill.

544.2.4 Is-Sindku qara il-lista marbuta max-xogħol tal-uffiċjal 'Steward'.

544.2.5 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet għaliex din l-iskema kienet fuq bażi ta' min ser japplika l-ewwel. Is-Sindku qal li kien hemm għaxar uffiċjali biss sabiex jitqassmu ma' Malta u Għawdex.

544.2.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk dan l-uffiċjal kienx ser imur iħabbat il-bibien tan-nies sabiex jagħmel spezzjoni. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

544.2.7 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal Skema 2021-2022 Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità 'Steward' Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

544.2.8 Il-laqgħa spiċċat fis-6.14 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-545 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju, 2021.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku